**Minuti tal-468 laqgħa tal-Kunsill li saret**
**nhar it-Tnejn 31 ta' Ottubru 2016**

Il-laqgħa bdiet fis-6.10 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Marc Vella Bonnici, is-Sur Brian Spiteri, is-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Joseph Agius, is-Sur Joseph Bonniċi, is-Sur Mark Grech, is-Sinjura Anna Calleja.

Inqraw ittri ta' skuża mibgħuta mis-Sur Joseph Vella u mis-Sur Joseph Agius (Is-Sway) fejn talbu li jiġu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonniċi, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Vella u s-Sur Joseph Agius (Is-Sway) jiġu skużati.

Is-Sur John J Pace daħal fis-6.15 ta' filgħaxija.

Il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius daħal għal-laqgħa fis-6.45 ta' filgħaxija.

Item 2 – Approvazzjoni tal-minuti

Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fl-għaxar paragrafu ta' paġna 426 u minflok il-kliem 'is-Sur Mark Grech' jidħol il-kliem 'is-Sur Brian Spiteri'.

Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fil-ħmistax –il paragrafu ta' paġna 426 u minflok il-kliem 'Triq ix-Xgħajra' jidħol il-kliem 'Triq is-Santwarju ma Triq ix-Xgħajra'.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fit-tminn paragrafu ta' paġna 424 u jitneħħa l-kliem (Is-Sway).

Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fil-ħames paragrafu ta' paġna 428 u

minflok il-kliem 'n-naħa t' isfel ta' Triq il-Kunvent' jidħol il-kliem ' Triq is-Santwarju faċċata tal-venda l-antika'.

Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fl-ewwel paragrafu ta' paġna 425 u jitneħħa l-kliem 'u f'Misraħ is-Sliem'.

Il-minuti tal-467 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sur Joseph Bonniċi li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

Item 3 – Punti li joħorġu mill-minuti

Is-Sur Brian Spiteri staqsa jekk il-Kunsill kienx jaf min neħħa l-kaxxa tar-*reserved parking* li kien hemm fi Triq is-Santwarju maġenb il-knisja. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien qiegħed jindaga dwar dan.

Fis-6.15 ta' filgħaxija is-Sur John J Pace daħal għal-laqgħa.

Is-Sinjura Anna Calleja reġgħet semmiet il-ħtieġa li jitnaddfu diversi spralli fosthom l-ispralli ta' Triq Lia u ta' Triq il-Qalb Imqaddsa.

Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex jiġu nstallati CCTV cameras f' Misraħ is-Sliem sabiex jinqabdu persuni li jkunu qed isuqu b'mod eċċessiv u lil dawk li jkunu qed jiksru l-liġi.

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx kiteb lil Transport Malta sabiex isiru tabelli ta' *slow* fi Triq il-Vittorja fil-viċinanzi ta' Triq il-Labour peress illi kien qed isir sewqan eċċessiv.

Is-Sur Mark Grech talab li tingħalaq parti mic-*central strip* li hemm fi Triq il-Vittorja bil-*bollards* sabiex tkun tista tintuża bħala *parking space* għall-karozzi.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi c-*central strip* fi Triq il-Vittorja kienet qed isservi sabiex tilqa` l-ilma tax-xita u talab sabiex issir *zebra crossing* mac-*central strip*.

Is-Sur Joseph Agius reġa talab sabiex tiġi rranġata l-bankina ta' Triq Strickland peress illi kienet ta' periklu.

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa meta kien ser jinbeda x-xogħol ta' resurfacing fi Triq Ħompech u fi Triq il-Kunvent peress illi kien hemm il-ħtieġa li ssir rampa maz-*zebra crossing* fi Triq Hompesch. Is-Sindku qal illi ma kienx ser isir xogħol ta' manutenzjoni ta' dawn il-bankini mill-Gvern Ċentrali. Is-Sur Buttigieg talab li l-Kunsill jibdel il-bankini ta' Triq il-Kunvent peress illi kienu ta' periklu.

Is-Sur Joseph Agius talab li ssir laqgħa ta' konsultazzjoni mal-Gvern Ċentrali qabel ma jinbeda x-xogħol ta' resurfacing fi Triq Hompesch u fi Triq il-Kunvent.

Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kienux tpoġġew it-*textile recycling bins* f'Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal illi dawn ir-*recycling bins* għadhom ma tpoġġewx.

Item 4 – Qari tal-minuti tas-Sotto-Kumitati

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto-Kumitati.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat Ċirkulari numru 35/2016 relatata ma l-Inizjattiva Finanzjarja – *Stronger Commmunities : Literacy Projects al Local Level.* Is-Sinjura Anna Calleja talbet li l-Kunsill jorganizza korsijiet għall-min ma jafx jaqra. Is-Sur Joseph Agius talab li dawn il-korsijiet jiġu organizzati għal kulħadd u mhux għall-adulti biss.

Inqrat Ċirkulari numru 36/2016 relatata mal-Agenda u l-Minuti tal-laqgħat tal-Kunsill.

Fis-6.45 ta' filgħaxija il-Viċi Sindku, is-Sur Domenic Agius daħal għal-laqgħa.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Achille Mizzi fejn ġie propost illi l-Kunsill jinnomina lis-Sur Karmenu Bonavia għal għotja ta' 'Ġieħ ir-Repubblika'. Fuq proposta tas-Sur Domenic Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Bonavia jiġi nominat għal 'Ġieħ ir-Repubblika'.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill kopja tal-*artwork* tal-medalja li ser tingħata lil dawk li jingħataw Ġieħ Ħaż-Żabbar.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mil-kumpanija *Nexos Street Lighting* dwar it-tiżjin tal-Milied. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li tintrama s-siġra tal-Milied fil-venda l-antika ta' Ħaż-Żabbar.

Is-Sur Mark Grech qal illi t-tiżjin ta' mas-siġra tal-Milied kien ser isir mill-istudenti tal-Skola Primarja Ħaż-Żabbar B.

Fuq proposta tas-Sur ~~Mark Grech~~ John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jipproponi lis-Sur Alan Buhagiar għall-Premju Żagħżugħ tas-Sena 2016. Is-Sur John J Pace qal li kien ser jikkuntattja lis-Sur Buhagiar sabiex timtela l-informazzjoni meħtieġa. (Emendat)

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-*Active Ageing Unit* dwar il-possibilità li s-sala parrokjali r-Ragħaj it-Tajjeb tibda tintuża bħala *Day Centre* għall-anzjani u s-sala tal-Kunsill tibda tintuża bħala -*Active Ageing Hub.* Permezz ta' din il-korrispondenza, l-Kunsill ġie nfurmat illi l-postijiet magħżula sabiex iservu bħala Active Ageing Centres iridu jkunu aċċessibli kif ukoll b'toilets aċċessibli u għalhekk talbu sabiex iżuru s-sala r-Ragħaj it-Tajjeb kif ukoll is-sala tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata

mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jiltaqaw mar-rappreżentanti mill-*Active Ageing Unit*.

Inqrat korrisondenza mibgħuta mis-Sinjorina Claire Marie Axiak dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq ix-Xgħajra, fejn is-sewwieqa talbet kumpens mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li ġarrbet fil-vettura tagħha liema ħsara tammonta għal €120.00. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabilità għal dan l-inċident.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur David Zammit f'isem ir-residenti li joqgħodu fi Trejqet Wied ta' Mazza biex il-Kunsill jappoġġja lir-residenti u joġġezzjona għal applikazzjoni numru PA 3040/16 sabiex jinbena razzett tal-mogħoż u n-nagħaġ. Is-Sur Brian Spiteri qal illi l-MEPA ma kienetx laqgħat l-applikazzjoni sabiex isir dan ir-razzett.

Is-Segretarju ressaq quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-*interviews* li sar mill-Bord tal-Intervisti għall-ingaġġ ta' skrivana taħt l-iskema CIES 3. Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li fl-opinjoni tiegħu s-Sinjorina Maria Zarb hija l-aktar kandidata adattata għal din il-kariga. Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjorina Maria Zarb tiġi mpjegata mal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi fil-15 ta' Novembru, 2016 kien ser jiġi fi tmiemu l-*probation period* ta' sitt xhur tal-iskrivana is-Sinjorina Naomi Agius. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill it-tiġdid tal-kuntrattt ta' din l-impjegata għal żmien indefinit *(back-to-back)*. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li l-kuntratt tas-Sinjorina Agius jiġi mġedded għal żmien indefinit (*back-to-back*).

Fit-7.10 ta' filgħaxija s-Sinjura Anna Calleja talbet li tkun skużata.

Deċiżjoni dwar il-kuntratti
Żamma u Manutenzjoni ta' Toroq u Bankini (ZLC 2/2016)

Inqara r-rapport li tħejja mill-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Kunsill dwar l-offerti li ġew sottomessi għal xogħol ta' żamma u manutenzjoni ta' toroq u bankini (ZLC 2/2016). Is-Segretarju ppreżenta r-rapport li sar u qal illi kienu ġew sottomessi tlett offerti; l-offerta mingħand il-kumpanija Karl Jos Dimech, l-offerta mingħand Schembri *Infrastructures Limited* u l-offerta mingħand Central Asphalt Limited. Il-Bord ta' Evalwazzjoni kien irrakomanda illi l-orħos offerta kienet ta' Karl Jos Dimech. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li terġa tinħareġ sejħa għall-offerti peress illi r-rati sottomessi mill-offerenti kienu għola minn dawk li l-Kunsill kien qiegħed iħallas fil-preżent.

Item 6 - Approvazzjoni tal-minuti tal-Kumitat Amministrattiv St Peter

Il-minuti tal-85 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

Item 7 - Skeda tal-pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-iskeda tal-ħlasijiet għall-perjodu 26 ta' Settembru, 2016 sal-31 ta' Ottubru, 2016 li kien jammonta għal €95,785.28. Dan ġie approvat unananimament fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Settembru 2016 li kien jammonta għal €104.74.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Ottubru 2016 li kien jammonta għal €120.03.

Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Settembru 2016. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

Item 8 - Komunikazzjoni mis-Sindku u Kunsillieri

Is-Sindku informa lill-Kunsill illi kien infurmat mill-Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura li kienet qed tiġi diskussa l-possibilità li jsir parkeġġ minflok il-*football pitch* u f'parti minn Ġnien il-Kunsill. Is-Sindku qal illi huwa propost li d-daħla għal dan il-parkeġġ issir minn Triq id-Dukkar. Is-Sindku qal ukoll illi kien infurmat illi kienet qed tiġi diskussa l-possibiltà li jitneħħa l-parkeġġ li hemm fil-venda l-antika u minflok isir ġnien. Is-Sindku qal ukoll illi jifhem il-bżonn li jsir parkeġġ f'Ħaż-Żabbar iżda ma jaqbilx illi jittieħed il-*football pitch* u parti minn Ġnien il-Kunsill sabiex isir il-proġett propost mill-Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura. Dan peress illi ma kienx ser ikun hemm faċilita` sportiva fis-sit minbarra hekk l-Kunsill għadu kif nefaq ammont konsiderevoli ta' flus sabiex jagħmel xogħol ta' titjib fi Ġnien il-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li joġġezzjona għall-proġett propost fi Ġnien il-Kunsill.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex isiru l-*parking bays* fil-venda l-antika ta' Ħaż-Żabbar.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta l-varjazzjoni fil-kuntratt għal xogħol ta' Titjib fil-*Playing Field* 'Ġnien il-Kunsill' (ZLC 7/2015) biex isir xogħol addizzjonali li tammonta għal €8,600.

Is-Sur Mark Grech talab li jitqassmu l-karti tal-iskart fi Triq San Ġużepp peress illi kienu qed jinħarġu l-boroż tal-iskart wara li jgħaddi l-kollettur.

Is-Sur Mark Grech talab li titnaddaf il-funtana tal-għajn tal-bhejjem.

Is-Sur John J Pace irringrazzja lill-Kunsill peress illi kienu saru ir-*reserved parking bays* għall-persuni b'diżabilità fi Triq is-Santwarju maġenb l-istatwa ta' San Ġużepp.

Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li Triq il-Kappuċċini issir *one way*.

Is-Sur Mark Grech talab li issir *stop sign* mdawwla fi Triq il-Kappuċċini għall-vetturi li jkunu ħerġin minn Triq Alessio Erardi.

Is-Sur Mark Grech talab li titnaddaf għalqa mingħajr ċint fi Triq il-kappuċċini.

Is-Sur Mark Grech talab li jsir *traffic management* tal-marki tas-sinjali tat-traffiku fi Triq il-Baħrija fil-viċinanzi ta' *Lantas Pet Shop*.

Is-Sur Mark Grech talab sabiex il-vetturi li jkunu ġejjin mid-direzzjoni ta' Triq Alessio Erardi ma jdurux għal Triq ix-Xgħajra iżda minflok iduru mar-*roundabout* ta' Triq San Leonardu. Dan sabiex jiġu evitati inċidenti tat-traffiku.

Is-Sur Mark Grech ippreżenta kopja tac-CD tad-dokumentarju komplut bis-*subtitles* li sar fl-okkażjoni tal-attività li fakkret l-erbgħin sena mill-waqa' tal-ajruplan *Vulcan* f'Ħaż-Żabbar.

Is-Sur Mark Grech qal illi fil-Mużew tas-Santwarju ma kienx hemm televixin sabiex ikun jista jintwera ic-CD tad-dokumentarju li fakkru l-erbgħin sena mill-waqa' tal-ajruplan *Vulcan* f'Ħaż-Żabbar.

Is-Sur Joseph Agius qal li l-vetturi kienu qed iduru b'veloċita qawwija minn Triq Villabate għal Triq San Ġużepp u kienu qed joħolqu periklu għas-sewwieqa. Il-Viċi Sindku s-Sur Domenic Agius talab li jsiru *rumble sticks* fi Triq Villabate sabiex is-sewwieqa jnaqqsu l-veloċita tal-vettura tagħhom.

Is-Sur Joseph Agius qal illi kien attenda l-attivita` Wirt iż-Żejtun u qal illi din l-attivita` kienet interessanti kif ukoll ta' suċċess.

Is-Sur Joseph Bonnici qal illi l-*bus shelter* 'Ċikas' fi Triq il-Mina ta' Hompesch mhux jixgħel.

Is-Sur Joseph Bonnici talab sabiex jitneħħew il-ħadid li hemm f'Ġnien Tamara Psaila peress illi kienu ta' periklu kif ukoll li jsir ix-xogħol ta' manutenzjoni f'dan il-bandli.

Is-Sur Joseph Bonnici talab li jitneħħa l-arblu tal-bandiera li kien tkisser bir-riħ fi Pjazza Medjatriċi u li jsir arblu ieħor minfloku.

Is-Sur Joseph Bonnici talab li jinqata` l-ħaxix ħażin li hemm fi Triq Bormla, l-parti li tagħti għaż-Żejtun.

Is-Sur Joseph Bonnici talab li jitnaddfu s-*soft areas* li hemm fi Triq il-Fraxxnu.

Is-Sur Joseph Bonnici reġa talab sabiex jittella' ċ-ċint tas-*soft area* ta' quddiem ir-residenza numru 6, Triq il-Luq.

Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sindku l-Kunsill qabel unanimament li jipprovdi t-trasport għall-mixja tal-President.

Fit-8.25 ta' filgħaxija s-Sur Brian Spiteri talab li jkun skużat.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jsir xogħol ta' manutenzjoni fi Sqaq il-Knisja peress illi fih hemm ħafna ħofor.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jinqata t-tamal minn mas-siġra tal-palm li hemm fil-bitħa tal-Kunsill peress illi dan kien qed jaqa` u jintrifes.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex issir rampa quddiem ir-residenza numru 16 fi Triq il-Vittorja.

<u>Item 9 – Aġġornament</u>

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 21 ta' Novembru, 2016

**IFFIRMATA**

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-469 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 21 ta' Novembru, 2016.

**IFFIRMATA**

Marc Vella Bonnici
Sindku